C/2025/511

21.1.2025

# Avviż għall-attenzjoni ta' ċerta persuna soġġetta għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

(C/2025/511)

L-informazzjoni li ġejja qed titressaq għall-attenzjoni tas-Sa Viktoria Valerievna ABRAMCHENKO (Nru 1319), persuna li tidher fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK [1] u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 [2] dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

Il-Kunsill qed jipprevedi li jżomm il-miżuri restrittivi kontra l-persuna msemmija hawn fuq.

Din il-persuna hija b'dan infurmata li tista' tippreżenta talba lill-Kunsill biex tikseb id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet prevista għad-deżinjazzjoni tagħha, qabel 28 ta' Jannar 2025, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

[1] ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.
[2] ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.